# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 2 ta' Lulju, 2020**

**Numru 19**

**Mandat ta' Inibizzjoni numru 627/20TA**

**Cherubino Limited (C-3677)**

**vs**

**Dipartiment tal-Kuntratti**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Cherubino Limited tat-3 ta' Ġunju 2020;

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Ġunju, 2020 li bih laqgħet provviżorjament il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni;

Rat ir-risposta tad-Direttur tal-Kuntratti tat-8 ta' Ġunju 2020;

Rat ukoll ir-rikors tas-Soċjeta' Attriċi li ġie presentat fis-seduta tal-11 ta' Ġunju 2020 li permezz tiegħu talbet li jittieħdu miżuri kontra d-Dipartiment intimat fost oħrajn ai termini tal-artikolu 873(4) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Dan ir-rikors sar b'konsegwenza tal-fatt li s-sejħa għall-offerti ingħalqet nhar l-4 ta' Ġunju 2020 fid-9.30 am u sussegwentement fl-10.00

am l-offerti nfetħu. Skont is-soċjeta' rikorrenti dan sar bi ksur tal-ordni provviżorja ta' din il-Qorti;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Ġunju, 2020 li permezz tiegħu ċaħdet it-talbiet tas-Soċjeta' Rikorrenti;

Rat il-verbal tas-16 ta' Ġunju, 2020 fejn l-abbli difensur talab li r-rikors jiġi differit sabiex ikun jista' jirregola ruħu;

Rat ir-rikors tat-18 ta' Ġunju, 2020 tas-Soċjeta' rikorrenti li permezz tiegħu talab li jittieħdu proċeduri ta' disprezz fil-konfront tad-Dipartiment intimat minħabba l-ksur tal-ordni provviżorja minħabba l-aġir tal-istess Dipartiment intimat kif intqal aktar 'l fuq. Din id-darba talab li jittieħdu miżuri ai termini tal-artikoli 10003A u 997(1) u (2) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tat-22 ta' Ġunju, 2020 fejn fost oħrajn is-Soċjeta' Rikorrenti presenta nota li biha ċediet l-atti tar-rikors. B'dana kollu l-abbli difensuri tal-partijiet trattaw ir-rikors tas-16 ta' Ġunju, 2020. L-abbli difensuri tal-partijiet qablu li ciononstante illum ġie irtirat il-mandat ta' inibizzjoni, fid-dawl li hemm pendenti rikors ieħor għad-disprezz, il-Qorti għandha tipprovdi dwar it-tnejn fl-istess seduta;

Rat li r-rikorsi ġew differiti għal-lum għal digriet fil-miftuħ.

**Ikkunsidrat**

Dak li talbet is-Soċjeta' Rikorrenti huwa li jitwaqqaf il-proċess tas-sejħa għar-raġunijiet kif spjegati fir-rikors promotur. Il-partijiet huma konkordi dwar il-fatti. L-ordni provviżorja ta' din il-Qorti tat-3 ta' Ġunju 2020 fl-istess ġurnata ġiet notifikata lid-Dipartiment intimat, liema notifika tħalliet f'idejn ċertu Jesmond Vassallo. Ġara li l-proċess baqa' għaddej billi nfetħu l-offerti.

Jibda biex jingħad li f'dan l-istadju din il-Qorti kull ma trid tagħmel hu li tiddeċiedi jekk hemm hemmx *prima facie* każ sabiex tordna lir-Reġistratur tal-Qrati biex jinizja proċeduri kontra d-Dipartiment intimat fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 1003A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Kwantu jirrigwarda l-proċeduri għal disprezz intqal fis-**Sentenza fl-ismijiet Reġistratur tal-Qrati Superjuri v. Kristinu Giordmaina tal-25 ta' Settembru 2003, PA, per Imħallef Joseph R. Micallef** hekk: "*Il-proċedura ta' disprezz għandha natura partikulari. Hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta' kull Qorti hija li tagħti ordnijiet lil xi ħadd, kemm jekk biex il-persuna tagħmel xi ħaġa jew biex dik il-persuna ma tagħmilx xi ħaġa. ... Kif jgħallem Lord Denning, "This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of Court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt". (In re Bramblevale Limited – 1970).*

Fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2020 xehed Anthony Cachia, id-Direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq talba tal-istess Dipartiment intimat. Il-Qorti

semgħet b'reqqa x-xhieda tal-imsemmi. Għarblet iċ-ċirkostanzi li sab ruħu fihom l-għada li kien ġie notifikat formalment bl-imsemmija ordni lil wieħed mill-impjegati tad-Dipartiment. Qieset ukoll iċ-ċirkostanzi estraneji l-oħra li setgħu ikkumplikaw is-sitwazzjoni. Wieżnet ukoll il-komportament tax-xhud waqt li kien qiegħed jixhed.

Din il-Qorti ma tħossx li li *prima facie* ġie pprovat biex fil-konvinċiment tagħha tasal għall-konklużjoni, lil hinn minn kull dubbju li tiddetta r-raġuni, li b'dak li ġara u dak li għamel l-intimat kien wieħed dirett intenzjonalment li jisfida l-ordni ta' din il-Qorti. Di fatti anke l-istess konsulent tas-Soċjeta' rikorrenti rrikonoxxa l-onesta ta' kif iddepona d-Direttur intimat (ara paġna 8 tax-xhieda tat-22 ta' Ġunju, 2020). Kif tajjeb għallmu dawn il-Qrati u kif spjegat aktar 'l fuq, il-proċedura ta' disprezz hija fiha nnifisha ta' natura penali anke jekk l-artikolu 1003A jiddisponi li l-proċedura stabbilita mill-istess liġi hija dik ta' bejn Attur u konvenut, proċedura ordinarjament meħtieġa għall-materja ċivili.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha (1) fl-ewwel lok tiċħad it-talbiet tas-Soċjeta' rikorrenti kif mitluba fir-rikors tagħha tat-18 ta' Ġunju 2020 u (2) fit-tieni lok b'referenza għar-rikors oriġinali tat-3 ta' Ġunju 2020 fid-dawl li dan ġie rtirat fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2020, fil-waqt li għal kull bon fini qegħdha tħassar u tirrevoka l-ordni provviżorja tagħha tat-3 ta' Ġunju 2020, qegħdha tastjeni milli tkompli tieħu konjizzjoni tiegħu.

Spejjes tar-rikors tat-3 ta’ Ġunju 2020 a’ karigu tas-Soċjeta’ rikorrenti mentri dawk tar-rikors tal-11 ta’ Ġunju 2020 u tat-18 ta’ Ġunju 2020 rispettivament jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**